# librerij

## Banyule

**Ivanhoe**
255 Upper
Heidelberg Road
Ivanhoe 3079
Telefon 9497 5780

**Rosanna**
72 Turnham Avenue
Rosanna 3084
Telefon 9459 6171

**Watsonia**
Ibbottson Street
Watsonia 3087
Telefon 9435 2397

## Nillumbik

**Diamond Valley**
Civic Drive
Greensborough 3088
Telefon 9434 3809

**Eltham**
Panther Place
Eltham 3095
Telefon 9439 9266

## Whittlesea

**Lalor**
May Road
Lalor 3075
Telefon 9465 2353

**Mill Park**
394 Plenty Road
Mill Park 3082
Telefon 9437 8189

**Thomastown**
52 Main Street
Thomastown 3074
Telefon 9464 1864

## Servizz Reġjonali

Servizz ta' Librerija fid-Dar
Servizz għal dawk li ma jkunux jistgħu joħorġu

Librerija Mobbli
Skeda tinkiseb fil-librerij kollha jew online.

**Tiġdid ta' Oġġetti**
Ċempel 24 siegħa kuljum/7 ijiem fil-ġimgħa
9401 0777

**Oġġetti li d-data meta kellek tirritornahom tkun għaddiet**
Ċempel 9401 0750

**Kundizzjonijiet meta tuża l-librerija**

Meta ssir membru tal-librerija, għalik stess u/jew biex tagħmel garanzija lil xi ħadd, inti taqbel għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Biex timxi mal-liġijiet tal-Librerija Reġjonali ta' Yarra Plenty.

- Aġixxi b'konsiderazzjoni u korteżija għal oħrajn li jużaw il-librerija waqt li tkun fil-librerija.
- Ħu responsabbiltà għall-oġġetti kollha li tissellef sakemm tirritornahom lil-librerija u jkunu pproċessati mill-istaff tal-librerija.
- Aċċetta responsabbiltà għall-għażla ta' oġġetti mislufa minn persuna taħt it-18-il sena.
- Aċċetta responsabbiltà għall-użu ta' l-internet fil-librerija minn dawk taħt it-18-il sena.
- Ħallas għall-ispejjeż ta' kull oġġetti mitlufa, meqruda jew li tkun saritilhom ħsara biex jinxtraw oħrajn, waqt li jkunu mislufa, minbarra mill-ħsara ta' użu normali.
- Avża lil-librerija immedjatament jekk kard tal-librerija tintilef jew tinsteraq.
- Avża lil-librerija f'7 ijiem b'kull bidla ta' isem u indirizz.

Yarra Plenty
REGIONAL LIBRARY

kun informat/a
kun edukat/a
kun ispirat/a
kun ikkonnettjat/a

www.yprl.vic.gov.au



# ikkuntattjana

**Mistoqsijiet Ġenerali**
9408 7888

**Telefonati għal tiġdid ta' oġġetti**
9401 0777

**Indirizz tal-websajt**
www.yprl.vic.gov.au

**Indirizz postali**
Bag 65 Bundoora 3083

Banyule CITY COUNCIL | City of Whittlesea | NILLUMBIK THE GREEN WEDGE SHIRE

*Public library service to the Cities of Banyule, Whittlesea and the Shire of Nillumbik*

*Maltese*

# merħba għal-librerija fil-lokal tiegħek

## Kif issir membru tal-librerija

Il-Librerija Reġjonali ta' Yarra Plenty topera servizzi ta' librerija għas-City ta' Banyule, is-City ta' Whittlesea u x-Shire ta' Nillumbik. Tista' tissellef u tirritorna lura oġġetti f'kwalunkwe waħda minn dawn il-libreriji.

Huwa faċli biex issir membru tal-librerija – tista' tagħmel hekk online jew f'kwalunkwe fergħa tal-libreriji tagħna. Kull m'għandek tagħmel huwa li turina prova ta' ismek u l-indirizz. Jekk għandek taħt 18-il sena jkollna bżonn il-firma ta' xi ħadd mill-ġenituri tiegħek jew min jieħu ħsiebek.

## Membri ta' l-istaff dħulin u li jgħinuk

Il-membri ta' l-istaff dħulin tagħna u li jgħinuk qegħdin hawn biex jgħinuk. Nistgħu ngħinuk biex issib informazzjoni jew ktieb tajjeb x'taqra. Nistgħu nuruk kif tuża l-internet u kif tuża l-katalogu tagħna.

## Programmi u attivitajiet

Il-libreriji tagħna jagħmlu ħafna programmi u attivitajiet – ingħaqad biex ikollok aċċess għall-inewsletter tagħna online jew iċċekkja l-websajt tagħna għal dak li jkun qed jiġri. Avvenimenti regulari jinkludu Bookaroo, qari ta' stejjer għal tfal li jkunu għadhom ma jmorrux l-iskola, attivitajiet għal waqt il-vaganzi ta' l-iskola, għajnuna fil-homework, klassijiet ta' l-internet u taħdidiet dwar kotba.

## Kard tal-librerija

Il-kard tiegħek tal-librerija tippermettilek li tissellef sa 30 oġġett għal 3 ġimgħat. Tista' ġġedded l-affarijiet li tkun issellift (darbtejn u jekk ma jkunux intalbu minn klijent ieħor) fuq it-telefon jew online 24 siegħa kuljum, jew f'kwalunkwe fergħa. Jekk il-kard tiegħek tintilef jew tinsteraq għandek tavżana malajr kemm jista' jkun. Jekk jogħġbok għarrafna jekk tibdel ismek, l-indirizz, l-email jew in-numru tat-telefon tiegħek biex inkunu nistgħu nikkuntattjawk jekk ikollna bżonn.

## Servizzi speċjali

Servizzi speċjali jinkludu oġġetti tal-librerija li jitwasslu d-dar għal dawk li ma jkunux jistgħu jżuru l-librerija minħabba diżabbiltà, għax huma fraġli jew morda; u servizz li jitwassal f'villaġġi ta' nies irtirati u f'ċentri ta' għajnuna. Hemm librerija li tmur minn post għall-ieħor li żżur l-inħawi ta' madwar. F'xi libreriji hemm kmamar fejn isiru laqgħat u kmamar tal-multi media.

## Referenza u informazzjoni

Nipprovdu servizzi ta' referenza u informazzjoni fil-fergħat tagħna u online. Għandna kollezzjoni estensiva ta' databases online u nistgħu nirrispondu l-mistoqsijiet tiegħek personalment, fuq it-telefon, bl-email jew biċ-chat fuq il-kompjuter.

## Kompjuters

Il-kompjuters jistgħu jintużaw b'xejn fil-fergħat tagħna kollha u fil-libreriji mobbli biex issib informazzjoni, biex ikollok aċċess bl-email jew għal word processing. M'hemmx bżonn biex tibbukkja imma jrid ikollok il-kard tal-librerija biex tilloggja.

## Lingwi Komunitarji

Kollezzjonijiet f'lingwi komunitarji jinstabu f'dawn il-fergħat.

Għandna materjal bil-Malti flimkien ma' dawn il-lingwi:

- Ċiniż
- Franċiż
- Ġermaniż
- Għarbi
- Grieg
- Kroat
- Maċedonjan
- Malti
- Pollakk
- Serb
- Spanjol
- Taljan
- Tork
- Vjetnamiż

## Numru tal-PIN

Biex tkun protetta l-privatezza tiegħek, dawk kollha li jisselfu mil-librerija huma meħtieġa li jagħżlu PIN (personal identification number) (numru ta' identifikazzjoni personali) meta jingħaqdu biex jużaw is-servizz tal-librerija. Ikollok bżonn dan il-PIN biex ikollok aċċess għall-informazzjoni ta' affarijiet li tkun issellift permezz tal-websajt tagħna u biex tuża' l-kompjuters fil-librerija. Nirrakomandaw li tibdel il-PIN tiegħek regolarment għal aktar sigurtà, permezz tal-websajt tal-librerija. Imxi mal-links mill-User Services għall-User Services to User PIN Change.

L-istaff tal-fergħa huma lesti li jgħinuk.

## Miżati u ċarġis

Il-bicca l-kbira tas-servizzi tal-librerija jkunu pprovduti mingħajr ħlas.

Eċċezzjonijiet jinkludu:

- miżati għal oġġetti li suppost irritornajt
- kards mitlufa tal-librerija
- oġġetti mitlufa
- self bejn fergħat tal-librerija
- ipprintjar
- fotokopji
- irkuprar ta' dejn

